**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 21 ta' Frar, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 977/2016 AF**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**vs**

**Martin u Rita mizzewgin Mifsud**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'hames kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella, tnejn minnhom datati 21 ta' Dicembru 2006 (Dok. "A" u Dok. "B"), tnejn ohra datati 10 ta' Mejju 2007 (Dok. "C" u Dok. "D") u iehor datat 20 ta' Gunju 2008 (Dok. "E") u permezz ta' zewg skritturi privati datati 28 ta' Dicembru 2009 (Dok. "F") u 31 ta' Mejju 2012 (Dok. "G") is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Martin u Rita mizzewgin Mifsud.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici ta' Martin u Rita mizzewgin Mifsud fis-somma ta' mitejn u erbgha u tmenin elf, tlett mija u

sitta u tmenin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€284,386.29) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Martin u Rita mizzewgin Mifsud mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "H1 sa H2" u "I1 sa I4") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-14 ta' Ottubru 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skritturi privati fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dok. "A", "B", "C", "D", "E", "F" u "G"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Martin u Rita mizzewgin Mifsud:

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skritturi privati (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Martin u Rita mizzewgin Mifsud li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenuti Martin u Rita mizzewgin Mifsud gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' April 2016, li kopja taghha qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok "J", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skritturi privati fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dok. "A", "B", "C", "D", "E", "F" u "G") partikolarment imma mhux esklussivament billi Martin u Rita mizzewgin Mifsud (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Martin u Rita mizzewgin Mifsud li

jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici, u

2. Tikkundanna lil Martin u Rita mizzewgin Mifsud ihallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-socjetà attrici is-somma ta' mitejn u erbgha u tmenin elf, tlett mija u sitta u tmenin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€284,386.29) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Martin u Rita mizzewgin Mifsud mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "H1 sa H2" u "I1 sa I4") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-14 ta' Ottubru 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 25 ta' April 2016 (Dok. "J") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja li gew debitament notifikati, l-intimati baqghu ma ressqu ebda twegiba.

Semghet lil Dorianne Tanti tixhed viva voce.

Rat li, minkejja li nghataw il-fakultà li jressqu sottomissjonijiet finali, l-intimati baqghu ma ressqu ebda nota.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat in-nota tal-konvenuti li biha gew ammessi t-talbiet tal-Bank rikorrenti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba ta' Bank of Valletta plc kif dedotta; tilqa' t-tieni talba kif dedotta, bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Martin u Rita mizzewgin Mifsud.

IMHALLEF

DEP/REG